MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 1024/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**vs**
**Claudio Cauchi**
**(K.I numru 144474(M))**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Romuald Attard ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. tat-12 ta’ Ottubru 2012 li jaqra hekk:

*1. “Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt, datat 7 ta’ Settembru 2009 (Dok. “A”) fejn is-socjeta’ attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Claudio Cauchi.*

*2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Claudio Cauchi fis-somma ta’ tlieta u sittin elf, tlett mija u wiehed u*

*sebghin Ewro u centezmu (€63,371.01) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Claudio Cauchi mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."B" u "C1 sa C2" ), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Settembru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament , billi Claudio Cauchi:*

*(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

*(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt, u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Claudio Cauchi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*5. Illi l-konvenut Claudio Cauchi gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 14 t' Ottubru 2011, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarakta Dok "D", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn ezebit bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Claudio Cauchi:*

*(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

*(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt, u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Claudio Cauchi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

*2. Tikundanna lil Claudio Cauchi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sittin elf, tlett mija u wiehed u sebghin Ewro u centezmu (€63,371.01) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Claudio Cauchi mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."B" u "C1 sa C2" ), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Settembru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament*

*Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Claudio Cauchi lis-socjeta' attrici li ghalihom is-socjeta' attrici qed tirriserva li tipprocedi f'gudizzju separat.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 t'Ottubru 2011, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi ir-rikors guramentat u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-, intimat, permezz tal-procedura tal-affissjoni, fl-10 ta' Dicembru 2012, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil-11 ta' Frar 2013 u fil-Gazzetti Lokali fis- fit-18 ta' Frar 2013;

Rat in-nota t'**ammissjoni** ta' Claudio Cauchi tas-6 ta'Mejju 2013

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Billi l-provi dokumentari prodotti mill-bank attur, mhumiex kontradetti anzi jirrizulta illi l-konvenut, permezz tan-nota tieghu tas-6 ta' Mejju 2013 – (vide fol 45) , ammetta t-talbiet tal-bank attur.

**Ghal dawn il-mottivi , l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kif mitluba kontra il-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------